**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 44**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' video conferencing.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier *(online)*
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier *(online)*
George Muscat – Kunsillier *(online)*
Martina Grech – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier *(online)*

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

ĦADD

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Minuti**

## 44.1 Approvazzjoni Minuti Nru 43

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 43, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall- approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Carmel Cuschieri** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 43 ġew approvati b'mod unanimu.

## 44.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku

**44.2.1** **Is-Sindku Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda stima għal manutenzjoni fil-passaġġ li jagħti għall-kamra tan-nar 23 t'April, li jammonta għal madwar € 4,150.

Il-Kunsill approva l-istima b'mod unanimu.

**44.2.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda stima għal xiri ta' għamara għal-librerija reġjonali.

Il-Kunsill approva l-istima b'mod unanimu.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap** Meli fakkar sabiex jitwaħħal l-isem tal-librerija kif approvat, jiġifieri 'Librerija Reġjonali Lino Spiteri'.

**44.2.3** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li ġie avviċinat mir-residenti li ġew joqgħodu fi Triq Annetto Depasquale fejn qed jitolbu li jsiru safety measures minħabba s-sewqan eċċessiv li qed isir f'din it-triq. Il-Kunsillier Daniel Ablett semma' bosta proposti li semmew ir-residenti u ppropona li ssir laqgħa mal-istess residenti sabiex tiġi diskussa l-aħħar soluzzjoni. Il-Kunsillier George Muscat staqsa hux possibli li tiġi kkonsultata Transport Malta dwar din il-kwistjoni.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** qal li jkun opportun li l-ewwel issir il-laqgħa ta' konsultazzjoni mar-residenti imbagħad il-Kunsill iressaq il-proposta quddiem Transport Malta. Ġie deċiz li l-laqgħa tinzamm il-Ħamis 30 ta' Ġunju fis-5.45p.m.

**44.2.4** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ġibed l-attenzjoni tal-membri dwar kummenti li qed isiru fuq il-media soċjali u efasizza sabiex kull kunsillier u mpjegat tal-Kunsill iqis kliemu meta jikkummenta u juri rispett lejn kull ċittadin għaliex bl-imġieba tagħna nkunu qed inwaqqgħu għaċ-ċajt lil Kunsill u lil Ħal Qormi, għaliex fl-aħħar mill-aħħar il-Kunsill Lokali huwa rapprezentant tal-qriema kollha u l-ebda membru u jirrapprezenta lilu nnifsu. Is-Sindku enfasizza li dan id-diskors jgħodd għal kulħadd

**44.2.5** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** reġa' ressaq il-proposta tal-parkeġġ fi Triq id-Deheb Fin, fejn kellu talbiet sabiex dan ma jsirx, għaliex se jtellef il-bejgħ ta' xi ħwienet fil-qrib. Il-Kunsillier Daniel Ablett qal li hu jaqbel ma dan il-parkeġġ, għaliex jintuza b'mod abbuziv, izda hemm ħwienet partikolari li jiġu ffrekwentati minn vetturi kbar li jekk isir dan il-parkeġġ se jtellef il-bejgħ tal-ħwienet tal-madwar. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni li hemmhekk containers ikun hemm u mhux vetturi. Il-Kunsillier Daniel Ablett qal li jkun opportun jekk il-Kunsill isib alternattiva sabiex ikun hemm sigurta' għar-residenti u fl-istess ħin ma jtellifx il-bejgħ tal-ħwienet. Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli ġibed l-attenzjoni li hemm triq oħra minn fejn jistgħu jgħaddu l-vetturi. Wara diskussjoni ġie maqbul li ninfurmaw lil Perit għal alternattiva oħra.

**44.2.6** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** semma' t-twessigħ tal-bankina quddiem il-kazin tal-banda San Sebastjan.

**Il-Viċi Sindku Donnha Barbara** ġibdet l-attenzjoni li ġiet avviċinata mis-sidien tal-ħwienet fl-istess triq, fejn infurmawha li jekk il-bankina se tkun qed tintuza ghall-imwejjed u siġġijiet, se jkunu qed jistennew l-istess trattament.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ma joħroġx permessi għall-imwejjed u siġġijiet u jekk iridu japplikaw għal tali permessi japplikaw through the right channels.

Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li ssir konsultazzjoni mal-Perit tal-Kunsill sabiex issir emenda tal-pjanta.

**44.2.7** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppropona li minħabba l-pandemija, bħala regeneration measure, l-permessi relatati mal-festa għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet jingħataw mingħajr ħlas. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li tali permessi joħorġu skont Kapitlu 441.04 tal-liġijiet ta' malta u ma tistax taċċetta applikazzjoni għal permess, jekk ma jsirx il-ħlas. Is-Segretarju Ezekuttiv irrimarkat ukoll li jekk il-Kunsill se jieħu din id-deċizjoni se jkun qed joħloq ġungla, għaliex ġaladarba mhux se jkunu marbuta bi ħlas kulħadd se joħroġ kemm irid. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret li l-ħwienet jinsabu fir-rotta tal-Purċissjoni u se tinħoloq konfuzjoni sħiħa, b'tali deċizjoni.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ordna lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex tibghat korrispondenza lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jagħti approval hu. Is-Segretarju Ezekuttiv għamlet statement ċar fejn infurmat lill-membri prezenti, li ilha mill-2002 taħdem il-festi tal-lokalita' u taf sewwa xi jgħid Kapitlu 441.04 u taf sew x'jiġri matul il-ġimgħa tal-festa u mhix lesta tibghat tali korrispondenza meta taf li hemm ksur ta' liġi.

**42.2.8** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-bring-in sites fi Vjal de la Cruz reġgħu saru u se jsiru ukoll il-cameras.

**44.3** **Festa San Ġorġ 2022**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li bħalma jaf kulħadd, Ħal Qormi se jkun qed jiċċelebra zewġ festi kbar, wara nuqqas ta' sentejn. Bħala Kunsill Lokali mhux biss huwa responsabbli mill-ħruġ tal-permessi tal-kiosk u mwejjed u siġġijiet, izda l-Kunsill huwa wkoll responsabbli mit-tindif tal-lokalita'.

Għaldaqstant ippropona dan li ġej;

- Ħlas ta' ambulanza
- Mobile toilets fiz-zoni l-aktar frekwentati
- Ħasil ta' toroq
- Servizz ta' knis ta' toroq u ġbir ta' skart

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

**44.4** **Evaluation Reports Tenders**

**Is-Segretarju Ezekuttiv** poġġiet fuq il-mejda r-Rapport tal-Evalwar għat-tender IT Support Services u Accountancy Services.

Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjonijiet tal-bord tal-għazla.

**44.5** **Skeda ta' Ħlasijiet**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Marzu 2021.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** issekondat.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet.

## 44.6 ĦWEJJEĠ OĦRA

**44.6.1** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma lill-membri bin-nuqqas ta' servizz mill-Kuntrattur tan-Non Urban, fejn qal li l-Kunsill issa ma jistax jibqa' jittollerra li jiġi njorat mill-kuntrattur u x-xogħol ferm meħtieġ, ta' tindif, fit-toroq tal-kampanja, jibqa' ma jsirx.

**44.6.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li dan kollu huwa dokumentat f'korrispondenza li ta' kuljum tintbagħat mill-uffiċċju, lill-Kuntrattur, permezz tal-emails.

Fid-dawl ta' dan in-nuqqas ta' servizz u fid-dawl li l-istess kuntrattura bqa' jinjora l-obbligi tiegħu naxxenti mill-istess kuntratt, b'mod immedjat il-Kunsill se jkun qed jittermina l-kuntratt mal-kumpanija WM Enviromental.

Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li jiġi tterminat il-kuntratt.

**44.6.3** **Il-Kunsillier Dr. Sean Apap Meli** nfurma lil dawk prezenti sabiex ikun magħruf minn kulħadd li dak il-kunsillier li mar jgħid lir-residenti ta' Triq l-Għargħar 1979 fost oħrajn, li bħala kunsillier responsabbli mill-infurzar m'hu qed isir xejn. Ghalhekk ingibdet l-attenzjoni li dak il-kunsillier tajjeb ikun jaf li l-Kunsillier Apap Meli ilu snin mhux responsabbli mill-infurzar u ghalhekk ikun tajjeb li jkun jaf x'inhu jigri madwaru dan l-istess kunsillier.

## 42.6 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.45p.m. u ġiet aġġornata għall-**Ħamis, 30 ta'Ġunju fis-6.00p.m.**

Konfermati, illum <u>30 ta' Ġunju 2022</u>

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| __________________________ | __________________________ |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |